VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,436, 5 ta' Ġunju, 2015
Taqsima B

A.L. 177 tal-2015

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR (KAP. 368)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar id-Drittijiet ta' Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 20 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.24

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, 2015.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "l-Ordinanza", minflok il-kliem "ir-Regolament tat-Traffiku." għandhom jidħlu l-kliem "ir-Regolament tat-Traffiku;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "l-Ordinanza" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura bil-mutur" tfisser kull vettura li timxi weħidha mekkanikament li tiċċirkola fit-triq, minbarra vettura li timxi fuq binarji;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "għandu jingħata" għandhom jidħlu l-kliem "jista' jingħata";

VERŻJONI ELETTRONIKA

minflok il-kliem "b'dawn ir-regolamenti." għandhom jidħlu l-kliem "b'dawn ir-regolamenti:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda kif hemm fl-artikolu 56 tal-Ordinanza, l-Awtorità hi eżentata milli tiġbor multi, jew ammendi jew penali bħal dawk.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "sal- 31 ta' Marzu, 2015" għandhom jidħlu l-kliem "sal-31 ta' Marzu, 2018".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "mija u ħamsa u għoxrin euro (€125); u" għandhom jidħlu l-kliem "mija u ħamsa u għoxrin euro (€125):", u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-*provisos* li ġejjin:

"Iżda meta persuna li għaliha huwa applikabbli r-regolament 3 toqgħod f'dar għall-anzjani jew qiegħda tinżamm fi sptar għall-kura mentali, għandu jiġi preżentat lill-Awtorità ċertifikat mediku mingħand professjonist jew professjonisti li jiċċertifika l-abbiltà fiżika u mentali ta' dik il-persuna sabiex il-vettura tiġi skrappjata u ma jitħallasx id-dritt għall-ipproċessar;

Iżda wkoll meta persuna li jkollha arretrati ta' liċenzi tal-vettura bil-mutur li jmorru lura sa qabel tmien snin mid-data li fiha dik il-persuna tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, id-dritt għall-ipproċessar li għandu jitħallas ikun ta' għoxrin euro (€20); u"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Is-subregolament (1)(a) m'għandux ikun applikabbli fir-rigward ta' werrieta ta' persuna mejta, li jkollha vettura bil-mutur reġistrata f'isimha, li għalihom huwa applikabbli r-regolament 3 jekk jiġu preżentati lill-Awtorità ċertifikat tal-mewt tal-mejjet, riċerki testamentarji tal-persuna mejta u digriet tal-Qorti ta' rinunzja minn dak il-wirt.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fis-subreglament (2) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "qed tiġi użata fit-triq." għandhom jidħlu l-kliem "qed tiġi użata fit-triq:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda jekk il-vettura ġiet trasferita lil persuna oħra mingħajr ma dak it-trasferiment ġie reġistrat mal-Awtorità, il-formola msemmija fis-subregolament (1) għandu jkollha magħha dikjarazzjoni li tikkonferma li s-sid reġistrat ma jafx fejn tinsab dik il-vettura.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

7. Minnufih wara r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolamenti ġdid li ġej:

"Nuqqas ta' ħlas ta' arretrati pendenti.

11. Meta persuna tonqos li tħallas arreatrati li jkollha pendenti fuq xi vettura li jkollha reġistrata f'isimha, l-Awtorità m'għandhiex tirreġistra, f'isem dik il-persuna, xi vettura oħra, kemm jekk ġdida kemm jekk użata, sa dak iż-żmien li hija tkompli tonqos milli tħallas l-imsemmija arretrati pendenti:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament m'għandhomx ikunu applikabbli fir-rigward ta' kumpanniji, soċjetajiet bi sħubija u kooperattivi kif imfissra fl-Att dwar il-Kumpanniji.".

Kap. 386.